

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Latvia](#)

Suċċessjonijiet

 Latvja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Skont l-Artikolu 418 tal-Kodiċi Ċivili (*Civillikums*), testment huwa strument unilaterali magħmul minn persuna fil-każ tal-mewt tagħha fir-rigward tal-proprjetà kollha tagħha, parti mill-proprjetà tagħha jew oġġetti jew drittijiet individwali. Skont l-Artikolu 420 tal-Kodiċi Ċivili, kull persuna tista' tagħmel testment, bl-eċċezzjoni ta' minuri. Il-minuri li jkunu għalqu 16-il sena jistgħu jagħmlu testment fir-rigward tal-proprjetà indipendenti tagħhom (Artikolu 195 tal-Kodiċi Ċivili). Dawk taħt tutela jistgħu wkoll jagħmlu testment. Madankollu, skont l-Artikolu 421 tal-Kodiċi Ċivili, il-persuni li ma jistgħux jesprimu l-intenzjoni tagħhom mhumiex kapaċi jagħmlu testment.

Il-Kodiċi Ċivili jistipula li t-testment, permezz tal-forma tiegħu, huwa pubbliku jew privat.

It-testmenti pubbliċi jsiru quddiem nutar jew qorti tal-familja. It-testment pubbliku jrid isir fil-preżenza tat-testatur. L-oriġinali ta' testment pubbliku jitqies li huwa dak li ġie mdaħħal fir-reġistru ta' dokumenti ta' nutar jew konslu jew fir-reġistru tat-testamenti quddiem qorti tal-familja. It-testatur jingħata kopja tat-testment wara li l-kopja oriġinali tkun ġiet iffirmata.

Għal dak li jirrigwarda t-testmenti privati, skont l-Artikoli 445 u 446 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex tali testment ikun validu tinħtieġ assigurazzjoni li dan ġie stabbilit mit-testatur u li jirrifletti korrettament l-intenzjoni aħħarija tiegħu jew tagħha. It-testmenti privati jsiru bil-miktub. It-testment sħiħ irid jinkiteb u jiġi ffirmat b'id it-testatur.

Skont l-Artikolu 604 tal-Kodiċi Ċivili, it-testment li fih żewġ persuni jew iktar jaħtru reċiprokament lil xulxin bħala werrieta permezz ta' strument wieħed huwa ddefinit bħala testment konġunt. Madankollu, jekk skont tali testment il-ħatra ta' persuna waħda bħala werrieta hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-ħatra tal-persuna l-oħra trid tkun teżisti u tkun valida, fejn il-ħatra tkun jew ma tkunx valida biss konġuntament mal-parti l-oħra, it-testment jissejjaħ reċiproku.

Skont l-Artikolu 639 tal-Kodiċi Ċivili, il-wirt kuntrattwali huwa stabbilit permezz ta' ftehim li skontu parti waħda tagħti d-drittijiet għall-wirt futur tagħha jew parti minnu lil parti oħra, jew numru ta' partijiet jagħtu tali drittijiet lil xulxin. Dan it-tip ta' kuntratt jissejjaħ ftehim ta' suċċessjoni. Fi ftehim ta' suċċessjoni, parti waħda tista' tagħti wkoll legat lil parti oħra jew lil parti terza. L-esklużjoni minn wirt mhijjex permessa fi ftehim ta' suċċessjoni.

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Jekk isir trasferiment *causa mortis* bħala dokument pubbliku (att notarili, testment attestat minn qorti tal-familja) dan jiġi rreġistrat fir-reġistru pubbliku tat-testamenti. It-trasferimenti privati *causa mortis* mhumiex reġistrati

sakemm ikunu ngħataw għall-kustodja lil nutar iċċertifikat jew lil qorti tal-familja.

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Testatur jista' jiddetermina liberament dwar it-trasferiment tal-patrimonju kollu tiegħu fil-każ tal-mewt tiegħu, bir-restrizzjoni li daww il-persuni intitolati għal sehem riżervat jitħallielhom it-tali sehem riżervat. Il-persuni intitolati għal sehem riżervat għandhom biss id-dritt biex jitolbu t-trasferiment tas-sehem riżervat f'forma ta' flus.

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Skont il-Kodiċi Ċivili, il-konjuġi, il-qraba u l-persuni adottati huma intitolati għall-wirt.

Persuna adottata u d-dixxendenti tagħha jirtu mingħand l-adottant jew il-qraba tiegħu. Id-dixxendenti ta' persuna adottata tiret mingħand il-persuna adottata, kif jagħmlu l-adottant jew il-qraba tiegħu. Werriet li jikklassifika aktar baxx fl-ordni ta' suċċessjoni ma jiritx jekk werriet ikklassifikat oġġla fl-ordni ta' suċċessjoni jkun esprima l-intenzjoni tiegħu biex jiret.

Konjuġi jiret flimkien ma' eredi kklassifikat l-ewwel, it-tieni u t-tielet fl-ordni ta' suċċessjoni. Meta jiret flimkien ma' werriet ikklassifikat l-ewwel, il-konjuġi jirċievi sehem ekwivalenti għal dak tal-ulied jekk in-numru ta' wlied li esprimew l-intenzjoni biex jirtu ikun inqas minn erbgħa, iżda jekk ikun hemm erba' wlied jew aktar li esprimew l-intenzjoni tagħhom li jirtu, il-konjuġi jiret kwart. Meta jiret flimkien mal-werrieta fit-tieni u t-tielet grad, il-konjuġi jirċievi nofs il-patrimonju. Konjuġi jirċievi l-patrimonju sħiħ jekk ma hemmx werrieta oħra kklassifikati fl-ewwel, it-tieni u t-tielet grad jew jekk jonqsu milli jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jirtu.

Il-qraba tat-testatur jiret f'ordni speċifiku, li huwa bbażat parzjalment fuq it-tip ta' parantela u parzjalment fuq il-grad ta' parantela. Għall-iskopijiet tal-ordni ta' suċċessjoni, il-werrieta legali jaqgħu taħt erba' klassifiki distinti:

1. taħt l-ewwel klassifika, mingħajr distinzjoni għall-grad ta' parantela, jirtu daww id-dixxendenti kollha tat-testatur li bejniethom, minn naħa, u t-testatur, min-naħa l-oħra, ma jkun hemm ebda dixxendent ieħor li jkun intitolat li jiret;
2. taħt it-tieni klassifika, jirtu l-axxendenti tal-egreb grad ta' parantela għat-testatur, bħalma jagħmlu l-aħwa mill-istess missier u omm tat-testatur u t-tfal tal-aħwa mill-istess missier u omm li mietu qabel it-testatur;
3. taħt it-tielet klassifika, jirtu l-aħwa mill-omm biss jew mill-missier biss tat-testatur, kif jagħmlu t-tfal ta' dawn l-aħwa mill-omm biss jew mill-missier biss li mietu qabel it-testatur;
4. taħt ir-raba' grad, il-kumplament tal-aħwa kollaterali tal-egreb parantela jirtu, mingħajr distinzjoni bejn il-parantela sħiħa jew parzjali.

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Nutar attestat

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Nutar attestat

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legal?

Nutar attestat

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Nutar attestat

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Ladarba tinfetaħ is-suċċessjoni, il-werriet irid jesprimi l-intenzjoni tiegħu sabiex jaċċetta l-patrimonju. Dan isir billi titressaq applikazzjoni għall-wirt lil nutar attestat. In-nutar attestat jibda l-proċedura ta' suċċessjoni, iħabbar il-ftuħ tas-suċċessjoni, jidentifika l-persuni intitolati għall-patrimonju u joħroġ ċertifikat tas-suċċessjoni.

Jekk is-suċċessjoni jkollha lok skont provvediment ta' trasferiment ta' proprjetà, dan irid jitressaq lil nutar attestat li jaqrah u jqisu li daħal fis-seħħ skont il-leġiżlazzjoni. Hawnhekk ukoll il-werriet irid jesprimi l-intenzjoni tiegħu sabiex jaċċetta l-patrimonju. Jekk għe maħtur legatarju, huwajissemma wkoll fuq iċ-ċertifikat tas-suċċessjoni.

Il-leġiżlazzjoni Latvjana ma tipprovdi għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-proprjetà tat-testatur. Il-provvista ta' dan it-tip tista' ssir mit-testatur fit-trasferiment tal-proprjetà, iżda tali każijiet mhumiex komuni. Ladarba n-nutar attestat ikun ikkonferma l-werrieta li huma intitolati għall-patrimonju, il-werrieta jistgħu jibqgħu koproprietarji tal-proprjetà li wirtu jew jaqsmu l-patrimonju billi jidħlu f'kuntratt dwar il-qsim tal-patrimonju. Jekk wieħed biss mill-werrieta jew xi wħud minnhom ikunu jixtiequ jaqsmu l-patrimonju filwaqt li l-oħrajn ma jaqblux, il-partijiet li jkunu jixtiequ jaqsmu l-patrimonju jistgħu jifitħu kawża għad-diviżjoni quddiem il-qorti.

L-uniku każ fejn il-liġi tipprovdi għall-bejgħ tal-proprjetà tat-testatur huwa fejn ma jkun hemm ebda werriet u l-proprjetà tkun ġiet rikonossuta bħala *bona vacantia*, b'mod li taqa' fil-ġuriżdiżjoni tal-istat. Fil-każ ta' kredituri, il-proprjetà tinbiegħ permezz ta' subbasta minn bailiff attestat. Meta ma jkunx hemm kredituri, id-Dipartiment tad-Dħul għall-Gvern jadotta deċiżjoni dwar id-disponiment tal-proprjetà.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

B'referenza għal-legati, skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 500 tal-Kodiċi Ċivili, fejn persuna wirtet biss oġġett individwali ta' patrimonju aktar milli l-patrimonju sfiħ jew sehem tal-patrimonju kollu, il-laxxitu jissejjaħ legat u l-persuna lil min jifhalla jkun legatarju.

Din il-persuna trid tressaq applikazzjoni għall-wirt lil nutar attestat. Fejn jeżisti provvediment għal trasferiment ta' proprjetà, dan irid jiġi mressaq u jinqara minn nutar attestat. In-nutar attestat joħroġ attestazzjoni ta' wirt lill-werrieta u l-legatarji wara t-tmim tal-perjodu għall-aċċettazzjoni tal-wirt kif iddikjarat min-nutar (mhux inqas minn tliet xhur) jew kif stipulat fil-Kodiċi Ċivili (sena waħda wara l-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn meta wieħed isir jaf dwar il-ftuħ tas-suċċessjoni).

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Il-Kodiċi Ċivili jistipula li bl-aċċettazzjoni u l-akkwist ta' wirt id-drittijiet u l-obbligi kollha tat-testatur, sa fejn ma jintemmu fuq il-mewt tat-testatur, jiddevolvu fuq il-werriet. Il-werrieta huma responsabbli għad-dejn tat-testatur, inkluż bil-proprjetà tagħhom stess jekk il-proprjetà tal-wirt ma tkunx biżżejjed. Il-werriet li aċċetta patrimonju bil-benefiċċju tal-inventarju huwa responsabbli għad-dejn tat-testatur u talbiet oħra kontriha jew kontriha biss sal-limitu tal-patrimonju.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

L-attezzjoni ta' wirt u l-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni jitressqu lir-reġistru tal-artijiet.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Il-persuni segwenti jistgħu jinħatru:

- wara l-ftuħ tas-suċċessjoni - mandatarju għall-patrimonju. Fuq it-talba tal-werrieta jew f'ċerti każijiet stipulati mil-liġi (pereżempju fejn patrimonju jkun mifli sew bid-dejn, fejn ma jkunx hemm werrieta jew ma jkunux jistgħu jiġu kkuntatjati, eċċ.), il-mandat għall-patrimonju jiġi stabbilit minn nutar attestat permezz ta' strument separat li jintbagħat lill-qorti tal-familja għall-ħatra ta' mandatarju;
- l-eżekutor tat-testment - dan iseħħ matul il-ħajja tat-testatur meta jagħmel it-testment.

9.2 Min huwa intitolat li jeseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

L-eżekuzzjoni ta' testment li jkollu effetti legali ssir minn eżekutor tat-testment, maħtur għal dan il-għan jew fit-testment innifsu jew permezz ta' strument testamentarju speċjali. Fejn ma jkunx inħatar eżekutor, l-eżekuzzjoni tat-testment issir minn werriet maħtur fit-testment. Jekk, madankollu, ma jkunx hemm werriet testamentarju dirett, it-testment jiġi eżegwit minn mandatarju tal-patrimonju maħtur minn qorti tal-familja abbażi ta' deċiżjoni ta' nutar attestat.

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

L-istatus legali tal-eżekutor ta' testment u l-limiti tad-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu huma ddefiniti permezz tal-intenzjoni tat-testatur kif espressa fit-testment. Fin-nuqqas ta' kull istruzzjoni ulterjuri min-naħa tat-testatur, l-eżekutor tat-testment irid jiżgura biss li l-aħħar testment tat-testatur ikun osservat u eżegwit u jipprovdi għal-likwidazzjoni tal-patrimonju u d-distribuzzjoni tiegħu fost il-werrieta u l-legatarji, sal-limitu meħtieġ għal dan il-għan.

Il-mandatarji għall-patrimonju jaġixxu b'mod indipendenti fl-amministrazzjoni u fir-rappreżentazzjoni tal-patrimonju u f'isem il-patrimonju. Il-mandatarji jamministraw patrimonju bl-istess kura u diliġenza li biha huma bħala proprjetarji solleċitati jamministraw l-affarijiet tagħhom stess. Matul il-perjodu tagħhom ta' amministrazzjoni, il-mandatarji jipprovdu estratti annwali lill-qorti tal-familja, u ladarba l-patrimonju jkun ġie ddistribwit lill-werrieta jew il-mandat jintemm għal raġunijiet oħra irid jiġi pprovdut estratt annwali. Il-mandat u d-dritt tal-mandatarju li jaġixxi f'isem il-patrimonju jiġu fit-tmiem tagħhom meta nutar joħroġ attestazzjoni ta' wirt.

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Nutar attestat joħroġ attestazzjoni ta' wirt fil-forma ta' att notarili. Il-leġittimità ta' att notarili ma tistax tiġi ddubitata. Hija tista' tiġi kkontestata permezz ta' azzjoni separata.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 06/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.